MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2009

Numru 914/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Philip Agius**

**Illum 2 ta' Settembru tas-sena 2009.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Philp Agius ta' hamsa u ghoxrin (25) sena iben Alfred u Monica nee` Grech, imwieled il-Pieta` nhar it-23 ta' Ottubru ta' l-1983 u

residenti gewwa l-fond Blokk B2, Flat 6, Triq Nerik Sant, Zebbug u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 562483(M);

Talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-31 t’Awissu tas-sena 2009, matul l-ahhar xhur, gewwa Haz-Zebbug, b’diversi atti maghmulin li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’risoluzzjoni wahda:

1. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. nhar it-28 ta’ Jannar tas-sena 2004, b’dan illi jiffirma kuljum l-ghassa ta’ Haz-Zebbug bejn is-sitta u nofs ta’ filghodu(6.30a.m.) u t-tmienja ta’ filghaixja (8.00p.m.) kontra l-limitazzjonijiet imposti f’dan id-digriet u dan bi ksur ta’ l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ukoll talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-8 t’April tas-sena 2009, liema sentenza saret definittiva;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Tat l-opportunita` lill-imputat jirrikonsidra din l-ammissjoni izda kkonfermaha;

Issibu hati;

Rat l-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 u tikkundannah ghall-piena ta’ tlett (3) xhur prigunerija;

Rat ukoll l-Artikoli 49,50 u l-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 rigward l-akkuza tar-recidvia u tar-revoka tal-helsien mill-arrest u filwaqt li tirrevoka l-oghti tal-liberta` provizorja, tikkundannah ukoll ghall-perjodu ta’ tlett (3) xhur prigunerija ulterjuri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------